MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2012

Appell Kriminali Numru. 45/2011

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Carmel Saliba**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Carmel Saliba (numru tal-identita' 225577(M)) iben Nicholas u Innocenza xebba Farrugia imwieled Mqabba fl-14 ta' Marzu, 1977 u residenti St.Joseph Triq ir-Ramlija Kirkop

Akkużat talli:

1. Fl-14 ta' Diċembru 2009 għall-ħabta tal-11.00 am, waqt li kien fl-inħawi tal-Qrendi, kellu fil-pussess tiegħu arma ikkargata tal-marka Benelli F021973 kif ukoll munizzjon mingħajr liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

2. Ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kien għall-kaċċa mingħajr ma kellu liċenzja mill-kummissarju tal-Pulizija;

3. Ukoll talli bħala pussessur ta’ liċenzja taħt la-rtikolu 27(1) tal-Kap 480 naqas li jħares il-kundizzjonijiet imsemmija f’dik il-liċenzja;

4. Ukoll talli sar reċidiv b’sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dr.A.Micallef Trigona LLD) datat 23 ta’ November 2004 u
(Maġistrat Dr AJ Vella LL.D) datata 11 ta’ Ottubru 2004 liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Rat is-sentenza tad-19 ta’ Jannar 2011 fl-ismijiet ‘Il-Pulizija versus Carmel Saliba’ mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali li fiha l-Qorti, wara li rat la-rtikoli 5(1) u 27(1) tal-Kap 480; l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9; u r-regolament 12(1) tal-Avviż Legali 2006, illiberat lill-imputat mit-tielet u mir-raba’ imputazzjoni filwaqt li sabitu ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u kkundannta jħallas multa ta’ ħames mitt Ewro €500 (ħames mitt Ewro).

Rat ir-rikors tal-appell intavolat fil-31 ta’ Jannar 2011 mill-appellant li fih huwa talab riforma tas-sentenza msemmija billi tirrevokha f’dik il-parti fejn sabitu ħati tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet u fejn erogat il-piena u tikkonfermha fil-bqija.

Rat li l-aggravju tal-appellant huwa li l-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma segħet issib lill-esponent ħati tal-ewwel żewġ akkużi kontrih. L-appellant lanqas kien fehem x’qallu Joseph Darmanin meta dan Joseph Darmanin mar jiġri biex jilħaq jirreġistra.

Skont l-appellant m’hemmx qbil fl-affidavits tal-Pulizija għaliex waqt li wieħed jgħid li ġibidlu l-attenzjoni biex ma jiċċaqlaqx u ma jmissx is-senter li f’dak il-ħin kien kważi

qabdu f’idejh waqt li l-Pulizija l-ieħor jgħid illi l-appellant qabad l-arma f’idu u tana f’daharu.’

Fix-xhieda tiegħu l-appellant kien qal li hu qatt ma mess l-arma. Meta ra lill-pulizija, huwa kien sejjer lejn l-arma biex jgħidilhom li sidha kien ġej għax mar jirreġistra.

Fliet l-atti kollha tal-proċess.

Rat il-fedina aġġornata tal-appellant.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkonsidrat

Li bħala prassi dina l-Qorfti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti f’dik li hija valutazzjoni tal-provi sakemm din il-Qorti tkun raġonevolment u legalment waslet għall-konklużjoni tagħha.

Reġgħu nstemgħu xhieda quddiem din il-Qorti u għalhekk din il-Qorti qieset dawn il-provi u l-affidavits li hemm annessi fil-proċess.

Xehed l-appellant li qal li huwa kien qiegħed fl-għalqa tiegħu meta Joseph Darmanin, li kien fl-għalqa ta’ biswit dik tal-appellant, mar jirreġistra. Huwa ma kienx fehem x’qallu Joseph Darmanin dak il-ħin. Għall-ewwel ma kienx għaraf li min kien qed javviċina kienu l-Pulizija iżda x’ħin resaq mal-ħajt induna li l-persuni kienu pulizija. Huwa qabeż il-ħajt u qalilhom li s-sid ma kienx hemm. Joseph Darmanin kellu t-thermos, il-ħobż u ċ-ċintorin bl-iskrataċċ, kellu xi barżakka u kellu s-enter mal-ħajt. Il-Pulizija saqsewh humiex tiegħu u qalilhom li dawn kienu ta’ wieħed mill-ġirien tiegħu. Dak il-ħin ġie lura Joseph Darmanin. Huwa kien ser jaqbeż biex imur lura iżda l-pulizija ordnawlu li jibqa’ hemm għax ‘dawn kienu ħdejk.’ Joseph Darmanin qal lill-pulizija li kien fadallu biss ħames

minuti biex jirreġistra u jekk ma jmurx jaqtgħulu sitt xhur. Qalilhom ukoll li la-rma kienet tiegħu. Huwa lanqas kien jaf li kien hemm senter.

Fil-kontro-eżami l-appellant ċaħad li s-senter kien qabdu f'idejh.

Xehed ukoll Joseph Darmanin qal li dak in-nhar kien sarlu l-ħin biex imur jirreġistra u kellu l-inġenji, il-ħobż u s-senter ġo l-għalqa. Huwa qal li l-appellant kien qallu biex jagħti daqqa t'għajn. Mar jirreġistra u rritorna fuq il-post. Fuq l-istess inċident huwa kien tressaq il-Qorti u kien immultat.

Mill-affidavit ta' PS 1181 Eugenio Caruana jirriżulta li huma kienu nnutaw persuna fejn maġenbu, ma' ċit tas-sejjieħ, kien hemm senter. Kif rahom, dar billi tahom daharu lejhom. Il-kollega ġibdilu l-attenzjoni biex ma jiċċaqlaqx u ma jmissx is-senter li f'dak il-ħin kien kważi qabdu f'idejh. L-appellant kien qallu li s-senter mhux tiegħu iżda ta' ħabib tiegħu u kien żied jgħid li lanqas biss kellu liċenzja biex iżomm arma. Wasal Joseph Darmanin li qallu li kien arma jirreġistra u ħalla lil sieħbu għassa magħha. Kien qallu wkoll biex jiskarga l-arma illi f'dak il-ħin kellha tlitt iskrataċ. Is-senter huwa tal-amrka Benelli F02221973. u fil-ħin li kien taħt il-kustodja ta' Carmel Saliba kien ikkargat bi tliet skrataċ.

Mill-affidavti ta' PC 389 Silvio Bonnici jirriżulta li kien ma' sieħbu f'ronda għall-kaċċa. Huma nnutaw persuna li kien f'nofs ta' għalqa ma' ħajt tas-sejjieħ fejn maġenbu kien hemm arma tan-nar. Malli ntebaħ bil-preżenza tal-Pulizija dan qabad l-arma f'idu u tahom daharu. Huwa kien ġibdilu l-attenzjoni biex ma jmissx l-arma sakemm jaslu huma. L-appellant kien qalilhom li l-arma ma kenitx tiegħu iżda kein qiegħed hemm biex jieħu ħsieb la-rma ta' sieħbu. Joseph Darmanin kien qalilhom li l-arma ħallieha għand l-appellant sakemm l-istess Joseph Darmanin imur jirreġistra.

Ikkonsidrat

L-ewwelnett din il-Qorti ma qed tara ebda inkonsistenza bejn iż-żewġ affidavits ippreżentati. Jgħidu l-istess storja u d-dettall indikat bl-ebda mod ma jbiddel il-verżjoni tal-fatti kif mogħtija.

It-tieni, din il-Qorti ma temminx lill-appellant meta dan qal li huwa ma keinx fehem x'qallu Joseph Darmanin. Il-verżjoni li ta Joseph Darmanin fix-xhieda bil-ġurament li hu ma kienx qal lill-appellant bis-senter m'għandhiex mill-verita'. Mhux biss din ma taqbilx mal-verżjoni li huwa ta liż-żewġ pulizija iżda wkoll li ma tantx wieħed jista' jemmnu li allura qal lill-appelalnt jieħu ħsieb il-ħobż u t-thermos.

It-tielet l-appellant innifsu jgħid li hu kien diġa' induna li kienu pulizija meta qabeż fl-għalqa. Huwa stess jgħid li l-Pulizija rawh jaqbeż il-ħajt.

Għalhekk il-Qorti qed tikkonkludi li l-appellant kien jaf li kien hemm is-senter fl-għalqa ta' maġenbu u meta ra lill-pulizija ġejjin ried jara x'jagħmel biex isolvi l-problema li kienet inqalgħet. Mill-ebda xhud jew affidavit ma jirriżulta li mar jaqbad il-ħobż u t-thermos. U jekk ikunu ġejjin il-pulizija u int indunajt bihom m'għandekx għalfejn taqbeż ħitan lanqas biex tipproteġi xi moħriet.

L-appellant qal ukoll li hu ma kienx fil-pussess. Bir-rispett kollu l-pussess fil-Kriminal mhux dejjem għandu l-konnotazzjonijiet ċivili – jiġifieri li jkollok xi ħaġa f'idejk bl-animus 'rem sibi habendi'. Il-pussess ifisser li għandek kontroll effettiv ukoll jekk l-oġġett mhux tiegħek.

Fil-fatt fil-Kap 480 insibu din id-definizzjoni ta' pussess:

"pussess" tinkludi l-ġarr, iż-żamma, l-użu, il-kontroll u, jew li persuna jkollha l-kontroll effettiv;'

Malli l-appellant ra lill-Pulizija u xorta qabeż fl-għalqa ta' maġenbu biex isolvi l-problema li kienet inqalgħet bil-preżenza tal-pulizija, hekk kif ġie ħdejn is-senter u kien

imwiddeb biex ma jmissux, is-senter kien taħt il-kontroll tiegħu u għalhekk fil-pussess tiegħu. Xejn ma jiswa li Joseph Darmanin kien ikkundannat għal dak li seħħ fl-14 ta' Diċembru, 2009 għaliex ma kien hemm xejn ta' ostakolu li l-Pulizija tmexxi kontra l-appellant ukoll.

Il-Prosekuzzjoni ppruvat ukoll li l-appellant ma kellux liċenzja biex iżomm arma kemm minn dak li qal hu stess kif ukoll bid-dokument ippreżentat mill-Arms Office.

L-arma kienet Benelli F021973 u kellha l-munizzjon fiha.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad dan l-appell sa fejn għandha x'taqsam l-ewwel imputazzjoni.

Fil-fehma tal-Qorti, l-Prosekuzzjoni ppruvat it-tieni imputazzjoni ukoll għaliex l-appellant, malli aċċetta li jieħu ħsieb is-senter, kien qed isir kompliċi wkoll fil-kaċċa li kien qed issir minn ħadd ieħor meta mhux suppost (Artikolu 42(d) tal-kap 9).

Dwar l-ammont tal-multa, din hija saħansitra anqas minn dik indikata fil-Liġi fl-artikolu 27 proviso tal-Kap 480 iżda ma sarx appella minnha min-naħa tal-Prosekuzzjoni.

Għaldaqstant il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-19 ta' Jannar 2011 fl-ismijiet premessi fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------